**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

Żejtun Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 02/24**

| | |
|---|---|
| **Data:** | It-Tnejn, 19 ta' Frar 2024 |
| **Ħin:** | 7:30pm |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |
| **Preżenti** | Maria Dolores Abela - Sindku<br>Joan Agius - Viċi-Sindku<br>Dorcas Camilleri - Kunsilliera (Skużata)<br>Gesmond Baldacchino - Kunsillier (Skużat)<br>Raymond Caruana - Kunsillier (Skużat)<br>Roderick Caruana - Kunsillier (Skużat)<br>Sean Chircop - Kunsillier<br>Stephanie Fenech - Kunsilliera (Online)<br>Amanda Abela - Kunsilliera (Online)<br>Angelo Caruana - Assistent Prinċipali<br>Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

**02.01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**
**02.02** **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**
**02.03** **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**
**02.04** ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**
**02.05** ***Slow streets;***
**02.06** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**
**02.07** **Mozzjonijiet; u**
**02.08** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**02. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 02. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni erbgħa ittri ta' apoloġija mingħand Caruana Ray, Caruana Roderick, Baldacchino u Camilleri minħabba li kienu jinsabu indisposti jew xogħol. | |

**02.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Viċi-Sindku<br>Sekondant: Chircop | Il-minuti 01/24 inqraw u ġew approvati nem.com mingħajr korrezzjonijiet. | |

**02. 1.** **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML02/24. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 02 2 1 | | Chircop: Skema ta' restawr | Chircop qal li nistgħu napplikaw għar-restawr tal-Kappella ta' Santa Marija. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. | |
| 02 2 2 | 25 to 30 | TM: *Charging pillars* | Transport Malta ressqu lista ta' *charging pillars* li ser ikomplu jiġu nstallati madwar il-lokal. Dwar dan kien hemm qbil unanimu li dawn jiġu fil-postijiet indikati. | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 02 | 2 | 3 | | Sindku | Is-Sindku qalet li hemm nuqqas ta' interess minn naħa ta' ċerti kunsilliera lejn il-ħidma u l-operat tal-kunsill, hekk kif uħud minnhom mhux talli ma jattendux għal-laqgħa pubblika iżda lanqas biss jagħmlu r-rapport ta' ħidma tagħhom. | |
| 02 | 2 | 4 | 02 | Sindku: Tiġrijiet taż-żwiemel | Is-Sindku qalet li għal sena oħra ser issir it-tiġrija taż-żwiemel u ser ikun assenjat żiemel ma' kull Kunsill mir-Reġjun Nofsinhar. Ser jittellgħu il-poloż fl-4 ta' Marzu u t-tellieqa ser tkun il-Ħadd, 10 ta' Marzu. | |
| 02 | 2 | 5 | | Sindku: Grow Ten trees | Is-Sindku qalet li ġejna avviċinati minn Grow Ten trees u tħawwlu 160 siġra fiż-żona ta' San Klement. Min naħa tagħna ser nieħdu ħsieb it-tisqija. Intlabna nħallsu wkoll għal peat li ntuża. | |
| 02 | 2 | 6 | 35 | Emanuel Vella: Culture Directorate | Saret laqgħa mas-Sur Emanuel Vella dwar il-ħsieb li d-Direttorat tal-Kultura jerġa jorganizza din il-festa. Hu talab il-koperazzjoni tal-knisja, tal-baned u tal-kunsill sabiex din terġa tkun suċċess. Ser isir kollox bħas-sena l-oħra. | |
| 02 | 2 | 7 | 23 | Sindku: Bollards fi Triq Hector Dalli | Is-Sindku qalet li din it-talba ma' ġitx approvata minn TM. | |
| 02 | 2 | 8 | 34 | Anton Aquilina: Stedina | Dwar din it-talba kien hemm qbil unanimu. | |
| 02 | 2 | 9 | | Sindku: Triq id-Daħla ta' San Tumas | Is-Sindku qalet li bħalissa hemm ftit problemi relatati mal-immaniġjar tat-traffiku minħabba l-għeluq tat-triq peress li beda x-xogħol minn IM. Qed naraw ma' IM kif dan l-inkonvenjent għas-sewwieqa jista' jitnaqqas. | |

**02. 4.** **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 02. | 4 | 1 | | | Ma kienx hemm iktar mistoqsijiet x'jiġu diskussi. | |

**02. 5.** **Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 02. | 5 | 1 | | SPI SCI 05.2024 - Skema għall-attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024/2025 | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsill li bħal kull sena ser inkunu qed inressqu l-applikazzjoni għall-fondi kulturali relatati ma' Żejt iż-Żejtun 2023. Tressqet għall-approvazzjoni u kien hemm qbil unanimu dwar dan. | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 02. 5 | 2 | | Ġieh iż-Żejtun | Ġew miftuħa in-nominazzjonijiet (li kienu jammontaw għall-sitta) għal Ġieh iż-Żejtun. Dawn kienu s-Sur Tanti Louis, s-Sur Mifsud Andre, s-Sur Zammit Paul, s-Sa. Barbara Michelle, Dr Buttigieg Joe u Mons Scerri Hector. Inqraw il-profili tagħhom u wara diskuzzjoni kien hemm vot unanimu li għandu jingħata Ġieh iż-Żejtun Dr Joe Buttigieg.<br><br>Ma' dawn ġew proposti rikonoxximenti lil Sa. Apap Connie u Madre Agius Phyllis għal anzjanita' attiva, s-Sur Cassar Neil u l-Blackpool team għal sportivi, s-Sur Mifsud Andre' u Sa. Camilleri Maria Daniela bħala Żgħażagħ, s-Sur Grech Sergio u s-Sorijiet tal-Qalb ta' Ġeżu għal kultura u Dr Spagnol Michael għar-Riċerka Akkademika. Dwar dawn kien hemm qbil unanimu. | |
| 02. 5 | 3 | | Sindku: *Community Police* | Is-Sindku qalet li minn Marzu li ġej ser ikollna uffiċju mill-Kunsill li ser ikun qed jiġi misluf lill-pulizija sabiex joperaw minn ġo fih fil-ħidma tagħhom fil-kommunita'. Ser ikunu surġent u żewġ kuntistabbli. | |
| 02. 5 | 4 | | Viċi-Sindku: *Sleeping police* | Il-Viċi-Sindku fakkret li għad irid jitwaħħal is-sleeping police fi Triq il-Madonna tal-Hniena | |
| **02. 6.** | | | **Slow streets;** | | |
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 02. 6. | 1 | | | Ma kinx hemm ħin biżżejjed sabiex din tiġi diskussa. | |
| **02. 7.** | | | ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;*** | | |
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 02. 7. | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 02/24 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 02. 7. | 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 02/24 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 02. 7. | 3 | | *Petty Cash* - Jannar 2024 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Jannar hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €206.70. | Segretarju Eżekuttiv |
| **02 8** | | | **Mozzjonijiet; u** | | |
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 02. 8 | 1 | | Viċi-Sindku u Camilleri: Pelican lights fi Triq il-Labour | Il-Viċi-Sindku u Camilleri ressqu mozzjoni għall-approvazzjoni. Din ġiet diskussa u s-Sindku qalet li fuq din diġa hemm applikazzjoni għall-*zebra crossing* ma' TM. | |
| **02 9** | | | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** | | |
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fl-10:20pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 25 ta' Marzu 2024 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Maria Dolores Abela | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |